MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2013

Rikors Numru. 848/2011

**HSBC Bank Malta p.l.c (C 3177)**

**-VS-**

**Spiridione Bartolo detentur tal-karta ta' l-identita' numru 679061 M u Mary Tania Bartolo detentrici tal-karta ta' l-Identita' numru 510464 M**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti tal-31 t'Awwissu 2011, li jaqra hekk:

*"Illi permezz tas-segwenti kuntratti ta'self u kompro-vendita' fl-atti tan-Nutar John Debono, datati 26 ta' Awwissu 2005 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. HSBC I), 26 ta' Awwissu, 2005 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. HSBC II), 9 ta'Marzu*

*2005 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. HSBC III), u 10 ta'Gunju 2005 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. HSBC IV), l-intimati Spiridione u Mary Tania konjugi Bartolo nghataw self ai termini tal-kuntratti sucitati.*

*Illi wara li saru diversi pagamenti, l-intimati baqghu debituri tas-socjeta' rikorrenti u ghaddew izjed minn tliet (3) snin mid-data tal-kuntratti sucitat u s-socjeta' rikorrenti qedgha titlob l-awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 258 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta'Malta sabiex tezegwixxi dawn l-istess titoli fil-konfront tal-intimati Spiridione u Mary Tania konjugi Bartolo ghal-bilanc li ghadu minnhom dovut;*

*Ghalhekk is-socjeta' rikorrenti previa kull dikjarazzjoni u provediment opportun, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titoli esekuttivi fuq imsemmija stante li ghaddew izjed minn tliet (3) smin mid-data ta' l-istess kuntratti u li d-dejn ghadu mhuwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta minn fejn jirrizulta li r-rikorrenti ghandu "jikkonferma bir-gurament x-xorta tad-dejn... li jkun l-ezekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghandu dovut."*

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Spiridione Bartolo (ID 79061M) et. tat-3 t'Ottubru 2011 li tghid hekk (a fol.79 et seq.):

*1. "Illi preliminarjament huwa m'huwiex notifikat legalment stante illi l-kuntratt anness ma' l-istess rikors ma gewx lilhom notifikati skond il-Ligi.*

***2.** Illi mill-kuntratt imsemmija fir-rikors promotorju, ma jirrizultax terminu meta l-hlas lura tas-self kellu jsir u ghalhekk a tenur ta' l-Artikolu 1077 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta hemm stipulat illi **"Meta ma jkun gie stabbilit ebda zmien ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, din ghandha tigi esegwita minnufih, izda dan kemm –il darba x-xorta tal-obbligazzjoni, jew il-mod li bih***

***ghandha tigi esegwita, jew il-lok miftiehem ghall-esekuzzjoni taghha, ma jgibux maghhom il-htiega ta' zmien li, jekk ikun hemm bzomm, jigi stabbilit mill-Qorti".***

*3. Illi mill-kuntratt msemmija, ma jirrizulta illi l-kapital u l-imghax kellu jithallas lura fi zmien tlett snin mid-data tal-kuntratti su citati u ghalhekk it-talba biex ir-rikorrenti jigu awtorizzati a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta'Malta, sabiex tezegwixxi dawn l-istess titoli fil-konfront ta' l-intimati, huma irriti u nulli stante illi r-rikorrenti irid l-ewwel jitlob lil Qorti terminu, b'Rikors Guramentat appozitu biex jigi stabbilit mill-istess Qorti, z-zmien ghal-hlas lura tas-self maghmul.*

*4. Illi skond l-istess kuntratt, hemm referenza ghal events of default li huma annessi ma' l-istess kuntratti, li jirrigwardaw il-ksur ta' l-obbligi fosthom jekk ikun hemm xi ksur tal-kundizzjonijiet materjali imposti fil-kuntratt ta' self.*

*5. Illi in oltre mill-kuntratt tas-26 t'Awwissu, 2005, fl-atti tan-Nutar Francis Micallef jirrizulta illi l-intimati isselfu Lm1,175,000 sar biex jithallas Lm1,100,000 lil bejjiegha u Lm75,000 ghal uzu personali taghhom. Dan juri illi dan is-self kien esekuzzjoni ta' fatt u ghalhekk m'huwiex ezegwibbli ai termini ta' l-Artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-istess ghandu jinghad ghal kuntratt l-iehor tas-26 t'Awwissu 2005 fl-atti tan-Nutar John Debono fejn l-intimati sselfu Lm250,000 in kwantu ghax-xiri tal-proprejta' u Lm100,000 ghal hlas tal-kuntratti. Dan ukoll jirrendi l-kuntratt mhux ezegwibbli ghaliex huwa esekuzzjoni ta' fatt. L-istess jista' jinghad ghal kuntratt tad-9 ta' Marzu 2005, fl-atti tan-Nutar Dr. John Debono fejn l-intimati sselfu Lm115,000 biex jithallsu l-vendituri. Dan ukoll jirendi kuntratt tal-10 ta'Gunju 2005 fl-atti tan-Nutar Dr. John Deboni fejn l-intimati sselfu Lm650,000 inkwantu Lm450,000 bieh ihallsu l-vendituri u Lm200,000 biex ikomplu l-kostruzzjoni ta' l-istess proprjeta' u hawn ukoll dan huwa esekuzzjoni ta' fatt u ghalhekk mhux titolu esekuttiv kif trid il-Ligi;*

*6. Illi ma jirrizultax illi l-intimati kisru xi obbligu kif naxxenti mill-istess kuntratti stante illi huma ma kisru l-ebda mill-obbligazzjonijiet kif naxxenti mill-istess kuntratti ta' self esebiti f'dan l-att.*

*7. Illi l-Artikolu 253 tal-Kap.12 tal-Liigijiet ta' Malta jitkellem fuq esekuzzjoni ta' fatt u mhux kostituzzjoni ta' debitu cert, likwidu u skadut. Ir-rikorrenti nomine mhux biss m'ghandux l-jedd illi unilaterlment u minghajr process gudizzjarju jiddetermina wahdu jekk u meta avverawx ruhhom "event of default" bi htiega ta' l-intimati, izda lanqas ukoll m'ghandu dritt jippretendi li jistabilixxi wahdu x'hinu l-ammont dovut u li dan attwalment ghandu jithallas qabel iz-zmien li jigi stabbilit mill-Qorti.*

*8. L-Artikolu 253 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi fost l-ohrjan illi:*

*Huma titoli esekuttivi:*
*(a) omissis*
*(b) il-kuntratti ricevuti minn nutar pubbliku ta' Malta jew minnn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jirceviehom, meta l-kuntratt huwa dwar* ***dejn cert, likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt****;*
*(c) ...*

*9. Illi kif jirrizulta mill-paragrafu hamsa tar-risposta odjerna, l-kuntratti ta' self riferiti fir-rikors promotorju huma kollha esekuzzjoni ta' fatt gja la darba thallsu l-vendituri u l-haddiema u ghalhekk m'humiex titoli esekuttivi kif tistipula l-istess Ligi.*

*10. Illi oltre' l-fatt illi dan id-dejn kif gie diga spjegat ghadu ma nghalqx ghax it-terminu ta' hlas lura ta' dan id-dejn ghandu jigi stabbilit mill-Qorti gja la darba ma jirrizultaz mill-kuntratti fuq imsemmija.*

*11. Huwa car li esekuzzjoni ta' fatt bhal hlas lil vendituri u lil haddiema jew n-nuqqas ta' esekuzzjoni ta' fatt bhal ma huma l-events of default imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija, ma jikkostitwuwx titolu esekuttiv fit-termini tal-Ligi u lanqas ma jista' jigi rez ezegwibbli bir-rikors li qed*

*jippretendu li jistghu jaghmlu ai termini ta' l-Artikolu 256 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*12. Illi dan jista' jsir biss wara sentenza definittiva illi ma tkunx fiha kundizzjonijiet sospensivi u li tikkundanna lill-intimati ghal hlas ta' somma likwida jew biex taghti jew titlaq haga certa jew biex tezegwixxi fatt jew obbligu partikoli u dan wara li tinghata din it-tali sentenza.*

*13. Illi huwa ovju illi in vista tal-premess, ir-rikorrent ma setghax jipprocedi b'din il-procedura, minghajr ma jottjeni rikonoxximent gudizzjarju tal-kreditu tieghu wara li jigi stabbilit it-terminu ghal hlas ta' tali dejn, kif ukoll wara li jigi stabbilit tul process shih gudizzjarju illi l-intimati ma segwewx l-events of default kif stabbiliti fl-istess kuntratt.*

*14. Illi l-esponenti ma jaqblux ma l-ammonti kif mitluba mill-istess rikorrenti partikolarment kif gie kkalkolat l-imghax u rati li bih inhadem l-imghax. In oltre jidher ukoll illi r-rikorrenti nomine kkalkola imghax fuq imghax bi frekwenza li m'hijiex cara lanqas.*

*15. Illi din il-kwistjoni diga tqajment quddiem dawn il-Qrati u dan kif gie deciz minn din l-Onorabbli Qorti fl-14 ta' Mejju 2010, ir-Rikors Nru:4/10 ghal bejgh bl-irkant fl-ismijiet Av. Edward Debono noe. Vs. Oliver Agius et, li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u mmarakta bhala Dok. SB1 fejn il-Qorti ddecidiet is-segwenti:*

***"... Illi t-titolu vantat mill-kreditur huwa kuntratt ricevut minn Nutar Pubbliku ta' Malta, li kif jghid l-Artikolu 253B tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili huwa titolu esekuttiv biss meta huwa dwar dejn, cert, likwidu u li jaghlaq. Dak li fil-fehma tal-kreditur jaghmel id-dejn wiehed"li jaghlaq" huwa nuqqas tad-debitur li jharsu xi pattijiet tal-kuntratt. Dan in-nuqqas jitqies bhala event of default skond il-ftehim u bis-sahha tieghu l-kredituri jitilfu l-beneficcju tat-terminu. Jekk sehhx jew le dan in-nuqqas minn naha tad-debituri, ma johrogx mill-kuntratt innifsu u ghalhekk ma jistax jinghad mill-qari tal-kuntratt u ta' l-iskedi***

***mehmuza mieghu illi kuntratt huwa dwar dejn li jaghlaq.***

***Fic-cirkostanzi ghalhekk ma jistax jinghad illi l-kreditur ghandu titolu esekuttiv taht l-Artikolu 253(b) tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili.***

***...."***

*16. Illi gja la darba dan il-kuntratt m'huwiex titolu esekuttiv kif jistipula l-Artikolu 253(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti ma jistghux jitolbu l-esekuzzjoni ta' l-istess kuntratt wara l-eghluq ta' tlett snin, ai termini ta' l-Artikolu 258(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ghax jekk sehhx jew le, n-nuqqas minn naha tad-debituri, ma johrogx mill-kuntratt innifsu u ghalhekk ma jistax jinghad mill-qari tal-kuntratt u ta' l-iskedi mehmuza mieghu illi l-kuntratt huwa dwar dejn li jaghlaq u ghalhekk konsegwentement, ir-rikorrenti ma jisghtux jitolbu l-esekuzzjoni ta' dan il-kuntratt ghar-ragunijiet fuq esposti u minhabba l-fatt illi l-kuntratti ta' self imsemmija kienu jittrattaw esekuzzjoni ta' fatt.*

*Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti kif esposti fir-rikors odjern biex tigi awtorizzata s-socjeta' rikorrenti halli tghaddi ghall-esekuzzjoni tat-titoli esekuttivi imsemmija stante illi ghaddew izjed minn tlett snin mid-data ta' l-istess kuntratti u li dejn ghadu mhux saldat, m'humiex ragunijiet bizzejed skond il-Ligi stante illi dan ghad irid jigi pruvat fil-kontenzjuz u ghalhekk m'humiex titoli esekuttivi kif jistipula l-Artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk it-talba kif maghmula ai termini ta'l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta hija rrita u nulla u bla bazi guridika u ghalhekk l-intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra r-rikorrenti nomine."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-5 ta' Dicembru 2011 illi fih l-intimati Bartolo irtiraw l-ewwel eccezzjoni;

Rat in-nota ta’ Spirdione Borg et. tas-26 ta’Frar 2013 ;

Rat in-nota t’osservazzjonijiet tal-HSBC Bank Malta plc tat-28 ta’Frar 2013;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Din il-kawza titratta talba da parti tas-socjeta HSBC Malta plc ghall-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tghaddi ghall-esekuzzjoni, ai termini tal-Artikolu 258 (c) tal-Kap.12, tat-titolu ezekuttiv tal-kuntratti ta’ self u kompro vendita bejn il-partijiet, datati 26 t’Awwissu 2005 Dok HSBC I fl-atti tan-Nutar John Debono; fil-kuntratt datat 26 t’Awwissu 2005 Dok HSBC II fl-atti tan-Nutar John Debono; kuntratt tad-9 ta’ Marzu 2005 Dok. HSBC III II fl-atti tan-Nutar John Debono; kuntratt tal-10 ta’ Gunju 2005 Dok HSBC IV fl-atti tan-Nutar John Debono li permezz taghhom l-intimati Spiridione u Mary Tania konjugi Bartolo inghataw facilita’ ta’ self *“ai termini tal-kuntratti sucitati”.* (vide fol.1)

L-intimati minn naha taghhom ikkontestaw tali talba ghaliex il-kuntratti fuq imsemmija ma jikkoncernawx dejn li hu cert, likwidu u li ghalaq, u li ma jikkonsistitx f’esekuzzjoni ta’ fatt. Di piu’ id-dejn ghadu m’ghalaqx ‘l ghaliex it-terminu u l-modalitajiet ta’ hlas lura ta’ tali dejn, m’huwiex indikat fil-kuntratti innifshom u ghaldaqstant il-kuntratti ma jistghux jitqiesu bhala titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 253(b) tal-Kap.12.

**Ikkonsidrat:**

Illi skond l-Artikolu 253(b) tal-Kap.12 :

***“(b) il-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta’ Malta, jew***
***minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f’esekuzzjoni ta’ fatt;”***

Illi di piu’ skond l-Artikolu 258(c) tal-Kap. 12:

***“(ċ) l-għeluq ta’ tliet snin minn dak in-nhar li fih skont illiġi***
***it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) u (e) tal-artikolu 253, jew rigward il-proċeduri meħudin skont l-artikolu 166A seta’ ġie esegwit,”***

**Ikkonsidrat:**

Illi minnn ezami tal-kuntratti indikati fir-rikors promotorju u cioe’ Dok. HSBC I, (minn fol 2 sa 30) Dok HSBC II ( fol 31 sa 45), HSBC III ( fol 46 sa 54) u HSBC IV (fol 55 sa 76), wiehed malajr jinduna illi l-kuntratti relevanti si tratta ta’ kuntratti rispettivament ta’ self ta’ Lm1,175,000 u kompro vendita ta’ proprjeta; HSBC I; ta’ self ta’ Lm250,000 u kompro vendita;HSBC II; ta’ self ta’ Lm230,000 u kompro vendita; HSBC III; u ta’ self ta’ Lm650,000 u kompro vendita ta’ proprjeta; HSBC IV.

Ebda wiehed minn dawn il-kuntratti ma jindikaw ir-rati mensili ta’ pagament, wisq anqas it-terminu ta’ zmien illi fih ghandha tithallas is-somma mislufa. Il-bank attur ezebixxa diversi dokumenti vide fol 91 sa 118 li jinkludu korrispondenza bejn il-partijiet u ittri ufficcjali u *statments* tal-kontijiet bankarji.

Illi infatti kull kuntratt jikkontieni klawsola fis-sens li il-bank jirriserva favur tieghu li jimponi dawk il-kundizzjonijiet li jidhirlu ragionevoli ghal hlas lura tas-self, u interessi. Il-kuntratti jinkludu ukoll dikjarazzjoni li s-self huwa ghal zmien determinat minghajr ebda indikazzjoni tat-terminu ta’ zmien.

Huwa veru illi l-kuntratti jikkontienu klawsola ta’ telf ta’ beneficcju taz-zmien f’kaz li intimati ma josservawx xi kondizzjonijiet tal-kuntratti rispettivi. (vide kuntratti rispettivi fol.15 u 16; 36 u 37; 48 u 49; 62 u 63)

Il-punt in ezami huwa jekk dawn il-kuntrati humiex kuntratti bir-rekwiziti dettati mill-Artikolu 253(b) tal-Kap.12 , sabiex ikunu jistghu jitqiesu bhala titolu ezekuttiv.

Dawn il-kuntratti m’humiex kuntratit ta’kostituzzjoni ta’ debitu, izda huma facilita’ bankarja ta’self u kompro vendita.

Minn ezami tal-kuntratti din il-Qorti tqis illi il-kuntratti datati 26 t’Awwissu 2005 Dok HSBC I fl-atti tan-Nutar John Debono; kuntratt datat 26 t’Awwissu 2005 Dok HSBC II fl-atti tan-Nutar John Debono; kuntratt tad-9 ta’ Marzu 2005 Dok. HSBC II fl-atti tan-Nutar John Debono, u l-kuntratt tal-10 ta’ Gunju 2005 Dok HSBC IV fl-atti tan-Nutar John Debono, jirrizultaw illi l-istess kuntratti huma nieqsa mir-rekwizit ta’ dejn “li ghalaq”. Dan qieghed jinghad mhux biss l’ghaliex il-kuntratti ma jsemmux modalitajiet ta’ hlas izda l’ghaliex lanqas ma jsemmu terminu, illi fih l-ammonti mislufa ghandhom jigu mhallsa lura lil bank rikorrent. Wiehed isaqsi allura kif jista’ id-“dejn” jigi kwalifikat bhala wiehed “li jaghlaq” jekk kemm–il darba l-kuntratt rispettiv ma jindikax modalita u terminu ta’ zmien ghal hlas?

Fil-kaz in ezami, **u mehuda in konsiderazzjoni il-klawsoli tal-kuntratti rispettivi** in ezami, jekk il-bank jixtieq jittermina il-kuntratti ta’ self minhabba d-dekadenza ta’ xi obbligi da parti tal-intimati, dan jista’ jsir biss permezz ta’ pronunzjament gudizzjarju separat.

Dawn huma principji ormai stabbiliti fil-gurisprudenza taghna u filfatt, dawn il-principji johrogu mill-gurisprudenza citata mill-bank attur stess, meta jiccitaw is-sentenza **“HSBC Malta plc (C-3177) vs Raymond Sammut”** deciza fl-**14 ta’ Dicembru 2011** fejn jinghad:

***"Mill-gurisprudenza nostrali in effetti jirrizulta li f'kawza ta' din ix-xorta ir-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-gdid tal-kreditu tieghu izda biss awtorizzazzjoni biex jezegwixxi titolu ezekuttiv gia kanonizzat b'sentenza precedenti."***
(vide ukoll **John Portelli nomine vs Henry Azzopardi et nomine** Qorti tal-Appell, deciza **29 ta' Mejju 1997**)

Fil-kaz in ezami huwa inkontestat illi ma sar ebda kanonizzazzjoni tal-kreditu permezz ta' sentenza, u huma il-kuntratti ta' self  innifshom li qed jigu vantati bhala titolu ezekuttiv.

Fis-sentenza fuq citata **"HSBC Malta plc (C-3177) vs Raymond Sammut"** il-Qorti kompliet tirritieni :

***"L-uniku konsiderazzjoni li ghandha taghti il-Qorti fi procedura bhal din hija biss dwar l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv.  <u>Trid taccerta ruhha dwar l-ezistenza tat-titolu ezekuttiv</u> li ghadda it-terminu prefiss mill-ligi minn meta dak it-titolu seta' jigi ezegwit kontra debitur intimat, li ix-xorta tad-dejn u il-fatt li l-istess ghadu pendenti jigu konfermati bil-gurament mill-kreditur jew raprezentant tieghu u li tordna l-ezekuzzjoni tat-titolu biss ghall-ammont kanonizzat li jkun ghadu ma thallasx."*** (Enfasi ta' din il-Qorti)

Illi ghal kuntrarju ta' dak li gie ritenut fis-sentenza **"HSBC Malta plc (C3177) vs Small Properties Limited et"** deciza fl-**4 ta' Gunju 2012** mill-Imhallef Joseph Zammit McKeon, **il-kuntratt** (li tieghu qed tintalab l-ezekuzzjoni qua titolu ezekuttiv) **kien wiehed fejn*"il-pattijiet u l-kundizzjonijiet huma cari u univoci",*** il-kuntratti meritu tar-rikors promotorju huma nieqsa ghal kollox minn din il-kjarezza fejn si tratta tal-modalitajiet u terminu ta'zmien ghal hlas.

Illi skond l-insenjament moghti fid-digriet fil-proceduri fl-ismijiet **"Avukat Dr. Edward Debono nomine vs Oliver Agius et",** l-Imhallef Giannino Caruana Demajo irritiena :

***"Rat illi t-titolu vantat mill-kreditur huwa kuntratt ricevut minn nutar pubbliku ta' Malta, li, kif ighid l-art. 253(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, huwa titolu esekuttiv biss meta huwa huwa dwar dejn cert, likwidu u li ghalaq. Dak li, fil-fehma tal-kreditur, jaghmel id-dejn wiehed "li ghalaq" huwa nuqqas tad-debituri li jharsu xi pattijiet tal-kuntratt. Dan in-nuqqas jitqies bhala "event of default" skond il-ftehim u bis-sahha tieghu d-debituri jitilfu <u>l-beneficcju tat-terminu</u>.***

***Jekk sehhx jew le dan in-nuqqas min-naha tad-debituri ma johrox milll-kuntratt innifsu u ghalhekk ma jistax jinghad, minn qari tal-kuntratt u tal-iskedi mehmuza mieghu, illi l-kuntratt huwa dwar dejn li ghalaq.***

***Fic-cirkostanzi, ghalhekk, ma jistax jinghad illi l-kreditur ghandu titolu esekuttiv taht l-art. 253(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili"***

Din il-Qorti, taghraf illi dan l-insenjament jinkwadra ruhu perfettament fil-parametri tal-kuntratti in ezami.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa l-eccezzjoni tal-konvenuti li l-kuntratti meritu tar-rikors promotorju ma jistghux jitqiesu ghar-ragunijiet fuq indikati, titolu ezekuttiv ai termini tal-Artikolu 253(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant tichad it-talba tal-bank attur, bl-ispejjez kontra l-istess bank attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------